MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 2271/2002

***Giovanni Schembri Limited***

***vs***

***Oriental Restaurants Limited***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Settembru, 2002, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u sittin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm660.85) rappresentanti ammont dovut ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellattorja tad-19 ta' Awissu 2002 u bl-imghax legali mis-27 ta' Mejju 1999, data ta' l-ahhar konsenja sal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Anthony Cutajar ghan-nom tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u sittin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm660.85), bl-imghaxijiet legali mis-27 ta' Mejju 1999.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------